MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Numru 959/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Neville Aquilina u**
**Spettur Paul Vassallo)**
**vs**

**PAUL GAUCI**

Illum 28 ta’ Novembru, 2003

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghhom Paul Gauci, 51 sena, iben Joseph u Julia imwielda Borg, imwieled Attard nhar il-11 ta’ Marzu 1952, u joqghod 12, Fjorita, Trqi il-Ferrovijja, Attard. Numru tal-karta ta’ l-identita 273452(M) gie akkuzat:

Talli f’dawn il-Gzejjer, f’dawn l-ahhar hames snin, b’diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zmienijiet differenti li jiksru l-

istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda wettaq kummerc ta' istituzjoni finanzjarja f'Malta jew barra minn Malta u dan minghajr licenza moghtija taht l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji, u dan ai termini tal-artikolu 3 tal-Kap. 376 dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji, billi ghamel self ta' flus lil Kevin Zammit minn Zebbug.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok NP3 skond is-Subartikolu (5) tal-Artikolu 22 ta' Att ta' 1994, dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji Kapitolu 376, Ligijiet ta' Malta biex jittiehdu proceduri Kriminali kontra l-imputat u l-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok NP4 sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti spjegat lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u tat lill-imputat ftit taz-zmien sabiex jerga' jikkonsidra jekk jikkonfermax tali ammissjoni jew le u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkomfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li l-Ufficjali Prosekuturi ddikjaraw fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija kif ukoll l-entita' tal-flus involuti rigward l-akkuza migjuba kontra l-imputat kienet minima.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 18 tal-Kap. 9 u l-artikoli 3 u 22(3) tal-Kap. 376 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Paul Gauci, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju

bikri tal-kawza, il-fedina penali ta’ l-imputat u li l-ufficjali Prosekuturi iddikjaraw fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija kif ukoll l-entita’ tal-flus involuti rigward l-akkuza migjuba kontra l-imputat kienet minima, tillibera lill-istess imputat Paul Gauci taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-imputat Paul Gauci ghall-piena ta’ mitt Lira Maltin (Lm100) multa.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Paul Gauci l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------